**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Rikors Guramentat numru : 109/16 AL

A G B

vs.

C D
Direttur tar-Registru Pubbliku u
l-istess C D li b'digriet tat-12 ta' April, 2017 giet appuntata bhala kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta l-interessi tal-minuri E B li twieled nhar is-6 ta' Settembru tas-sena 2010

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponent kellu relazzjoni mal-konvenuta C D ghal madwar hames snin, liema relazzjoni bdiet fil-bidu tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Illi tul din ir-relazzjoni, nhar is-sitta ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (06.09.2010) twieled tifel li jisma E B skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A'.

Illi l-imsemmija tarbija giet rregistrata b'kunjom l-esponent hekk kif jidher car fic-certifikat tat-twelid anness.

Illi l-esponent ghamel testijiet xjentifici u genetici sabiex jikkonstata jekk huwa huwiex il-missier naturali u biologiku tat-tifel minuri E B, hekk kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'B'.

Illi mit-testijiet xjentifici u genetici riferiti, irrizulta b'mod car u b'mod inkonfutabbli li l-esponent m'hux il-missier naturali u biologiku tal-minuri E B.

Illi meta rinfacciata b'dawn il-fatti, il-konvenuta C D sqarret li hi kienet ben konsapevoli li l-esponent mhux il-missier naturali u biologiku ta' binha E B.

Illi madanakollu, il-minuri E B fic-certifkat tat-twelid fuq indikat bhala Dok 'A' huwa rregistrat fuq isem l-esponent bhala l-missier u l-istess esponenti jixtieq jichad il- paternità tal-istess minuri.

Talab li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-esponent m' huwiex il-missier naturali tal-minuri E B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem A G B, il-professjoni jew sengha tal-attur, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-esponenti, kif ukoll isem u kunjom missier l-esponenti u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal- ewwel talba, u jekk jinhtieg, f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

2. Illi l-esponent jistqarr li għalkemm ir-rikorrent ippreżenta r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri *E B* ai termini tal-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** dan l-imsemmi rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar;

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri E B, illi l-intimata C D tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta'**

**Malta.** Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri E B, tal-inqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri E B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' it-tielet eċċezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri E B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri E B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel E B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, disgħa mija u sebgħa u tletin tas-sena (2937) elfejn u għaxra (2010);

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi wara rikors konġunt bejn l-attur u l-konvenuta D, il-Qorti laqgħet it-talba illi l-konvenuta C D tkun maħtura bħala kuratriċi *ad litem* sabiex tirrappreżenta l-interess tal-minuri E B[1];

[1] Digriet iddatat it-12 t'April 2017, fol. 30

Rat illi l-konvenuta C D debitament notifikata ma ppreżentat ebda risposta ġuramentata la f'isimha proprju u lanqas f'isem binha minuri E u għalhekk huma kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Rat is-Subtitolu III tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[2], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda barra iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 99, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dana jistipula:

***"99. L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess."***

Rat illi permezz ta' dikjarazzjoni fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2017, il-konvenuta C D, fuq domanda li saritilha mill-Qorti, wieġbet illi ma tixtieqx tiżvela min hu l-missier naturali tal-minuri E.

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A G B (K.I.222486M) m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E B imwieled lill-konvenuta C D (K.I. 443682M) nhar is-6 ta' Settembru 2010, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[3]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament[4] li hija ħadet il-kampjun orali tal-attur A G B (ID 222486M) u tal-minuri E B (imwieled 06/09/2010) sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi A G B (ID 222486) m'huwiex il-missier naturali ta' E B.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-missier, jew aħjar minn raġel li għal seba' snin kien maħsub li huwa l-

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Rapport esebit fol. 8 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 24
[4] Affidavit esebit, fol. 24

missier, għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri E B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri huwa rreġistrat bħala ibnu, dan m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Jispjega illi huwa u l-konvenuta qatt ma kienu miżżewġin iżda kellhom relazzjoni li damet għal madwar ħames snin, liema relazzjoni bdiet fil-bidu tas-sena elfejn u għaxra (2010). Illi tul din ir-relazzjoni, fis-6 ta' Settembru 2010[5], twieled il-minuri E, li ġie rreġistrat bħala iben l-attur u konsegwentement assuma l-kunjom B. Wara li ntemmet ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta D, l-attur tqanqallu suspett illi l-minuri E jista' ma jkunx ibnu u għalhekk huwa għamel it-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi sabiex jistabilixxi dan, minn fejn irriżulta li effettivament il-minuri m'huwiex tassew ibnu naturali u bijoloġiku. Illi meta ffaċċja lill-konvenuta D b'dan il-fatt, hija stqarret li kienet konsapevoli li l-attur ma kienx il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk il-konvenuta possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri E.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri E B m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A G B.

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il- paternita` tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li E B m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-attur

---

[5] Ċertifikat tat-twelid tal-minuri jinsab esebit fol. 7 tal-proċess

A G D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Il-Qorti, filwaqt illi taqbel mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri li jkun jaf min hu missieru, tissolleċita lill-omm ossia lill-konvenuta C D sabiex taġixxi fl-aħjar interess tat-tifel u tagħmel dak li huwa neċessarju biex iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jkun jirrifletti din il-verita` u biex il-minuri jkun magħqud ma' missieru.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi:

1. Tiddikjara illi l-attur A G B m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku ta' E B imwieled lill-konvenuta D nhar is-6 ta' Settembru 2010;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi minuri, innumerat elfejn disa' mija u sebgħa u tletin tas-sena elfejn u għaxra (2937/2010), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel il-kliem "missier mhux magħruf";

3. Tordna illi l-minuri jassumi l-kunjom D;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta C D.